MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-26 ta' Awwissu, 2013

Numru 825/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**David Albero Coll**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat David Albero Coll iben Vincente Alberto Vinals u Amparo nee' Coll Garcia mwieled Spanja fis-26 ta' April 1992 u residenti gewwa fond mhux maghruf f'San Giljan, detentur ta' karta ta' l-identita Spanjola bin-numru 29217278X.

Akkuzat talli fil-lejl bejn l-24 u 25 ta' Awwissu 2013 gewwa San Giljan u f'dawn il-Gzejjer:

1. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe vettura bin-numru tar-registrazzjoni TER 015 ta’ l-ghamla Daihatsu ghad-dannu ta’ Anthony Brincat u terzi ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69 Euro), izda iktar minn mija u sitax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47 Euro) u dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblilka b’ghajjat u dan ai terminu tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. U iktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien fi stat ta’ sakra u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, kif registrata fis-seduta tas-26 ta’ Awwissu 2013, meta sar l-ezami tal-imputat ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammisjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-imputat kkopera mal-pulizija u lest li jhallas ghall-hsarat li gew kkagunati minnu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 325(b), 338(dd), 338(ff) u 17(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tmintax-il xahar millum.

Ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-imputat sabiex ihallas is-somma ta' tminn mija, tnejn u erbghin Euro (842 Euro) lis-sid tal-vettura tal-ghamla Daihatsu bin-numru tar-registrazzjoni TER 015 fi zmien erbgha u ghoxrin siegha.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------